Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Mejju 2019**
**(OR. en)**

**8939/19**

**CO EUR-PREP 14**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (20 u 21 ta' Ġunju 2019)<br>– Abbozz ta' aġenda annotata |

*F'konformità mal-Artikolu 3(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta lill-Istat Membru li għandu l-Presidenza ta' sitt xhur tal-Kunsill u mal-President tal-Kummissjoni, għandu jippreżenta abbozz ta' aġenda annotata lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali.*

*Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-abbozz ta' aġenda annotata ppreżentata mill-President tal-Kunsill Ewropew, fejn huma mniżżlin il-punti ewlenin li l-Kunsill Ewropew mistenni jindirizza fil-laqgħa msemmija hawn fuq.*

*Fid-dawl tad-diskussjoni finali li għandha ssir fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali fil-ħamest ijiem ta' qabel il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kunsill Ewropew għandu jfassal l-aġenda proviżorja.*

*Fil-bidu tal-laqgħa, il-Membru tal-Kunsill Ewropew li jirrappreżenta l-Istat Membru li għandu l-Presidenza tal-Kunsill għal sitt xhur ser jagħti ħarsa ġenerali tal-progress fuq l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet ta' qabel tal-Kunsill Ewropew.*

## I. <u>IĊ-ĊIKLU ISTITUZZJONALI LI JMISS</u>

Il-Kunsill Ewropew ser jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħatriet għaċ-ċiklu istituzzjonali li jmiss u ser jadotta l-Aġenda Strateġika għall-Unjoni 2019-2024.

## II. <u>QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI</u>

Il-Kunsill Ewropew ser jindirizza wkoll il-kwistjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

## III. <u>TIBDIL FIL-KLIMA</u>

Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tat-tibdil fil-klima bi tħejjija għas-Summit tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Azzjoni Klimatika fit-23 ta' Settembru 2019.

## IV. <u>PUNTI OĦRA</u>

Taħt is-Semestru Ewropew, il-Kunsill Ewropew ser jiddiskuti konklużjoni abbażi ta' nota orizzontali ta' sinteżi dwar ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Il-Kunsill Ewropew ser jieħu nota tar-rapport dwar id-diżinformazzjoni u l-elezzjonijiet dwar il-lezzjonijiet meħuda mħejji mill-Presidenza f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli.

Skont il-mument, il-Kunsill Ewropew jista' jindirizza kwistjonijiet speċifiċi ta' politika barranija.

wara nofsinhar: Tkabbir